

Brussell, 10 ta' April 2026
(OR. en)

8126/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0088 (NLE)**

**ECOFIN 456
UEM 142
FIN 523
ECB
EIB**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 162 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l- approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għad- Danimarka

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 162 final.

Mehmuż: COM(2026) 162 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.4.2026
COM(2026) 162 final

2026/0088 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għad-Danimarka

{SWD(2026) 113 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għad-Danimarka

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP", recovery and resilience plan) mid-Danimarka fit-30 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni² ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021"). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Novembru 2023³, tal-10 ta' Diċembru 2024⁴ u tat-8 ta' Lulju 2025⁵.
- (2) Fit-2 ta' Marzu 2026, id-Danimarka għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, id-Danimarka ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mid-Danimarka minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 12-il miżura.
- (4) Id-Danimarka spjegat li hemm erba' miżuri li ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba dewmien mhux previst. Dan jikkonċerna C2.R1 (Ħamrija b'livell għoli ta' karbonju), C2.I6 (Riabilitazzjoni ta' siti industrijali u art ikkontaminata), C5.I7

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

² Ara d-dokumenti ST 10154/21 INIT; ST 10154/21 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokumenti ST 14473/23 INIT; ST 14473/23 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁴ Ara d-dokumenti ST 15877/24 INIT; ST 15877/24 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁵ Ara d-dokumenti ST 10522/25 INIT; ST 10522/25 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

(Investimenti f'mogħdijiet għar-roti f'toroq tal-istat u skema ta' sussidju għar-roti għall-muniċipalitajiet) u C8.I5 (Miżura fuq skala akbar: Effiċjenza enerġetika fl-industrija). Abbażi ta' dan, id-Danimarka talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (5) Id-Danimarka spjegat li ġew emendati tmien miżuri biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri C2.I5 (Teknoloġiji klimatiċi fl-agrikoltura), C3.I3 (Rinnovazzjonijiet tal-enerġija f'bini pubbliku), C3.I4 (Effiċjenza enerġetika fl-unitajiet domestiċi), C6.R1 (Strateġija diġitali), C8.R1 (Persunal Nazzjonali għall-Kriżi Enerġetika (NEKST)), C8.I1 (Skrinjar taż-żoni għall-enerġija eolika lil hinn mill-kosta fid-Danimarka), C8.I2 (Titjib tal-ħiliet ekoloġiċi) u C8.I3 (Sostituzzjoni tal-berners taż-żejt u tal-fran tal-gass). Abbażi ta' dan, id-Danimarka talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 għandha tiġi emendata skont dan.
- (6) Wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, id-Danimarka talbet li tuża r-riżorsi liberati bit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni ta' żewġ miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri C3.I4 (Effiċjenza enerġetika fl-unitajiet domestiċi) u C5.R1 (Priyoritizzazzjoni mill-ġdid tat-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-vetturi u taxxa baxxa fuq l-elettriku fuq l-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi). Abbażi ta' dan, id-Danimarka talbet li jiżded il-livell ta' implimentazzjoni ta' żewġ miżuri. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 għandha tiġi emendata skont dan.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (7) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (8) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 68,1 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 91,9 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (9) Wara l-emendi proposti mid-Danimark għall-RRP, il-kontribut għall-oġettivi klimatiċi naqas minn 69 % għal 68,1 %. It-tnaqqis fil-kontribuzzjoni għall-oġettivi klimatiċi jirrifletti t-tnaqqis fil-koeffiċjent tal-ittagjar tal-klima u t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżura C8.I5 (Miżura fuq skala akbar: L-effiċjenza enerġetika fl-industrija). Il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-emendi ma tibdilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

Kalkolu tal-kostijiet

- (10) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmat tal-RRP hija moderament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (11) Skont l-informazzjoni pprovduta, il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet għall-miżuri eżistenti li l-modifiki tagħhom kienu jinvolvu valutazzjoni ġdida tal-kostijiet turi li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet huma raġonevoli u plawżibbli. Barra minn hekk, il-bidliet fil-kostijiet stmati għall-miżuri modifikati huma ġġustifikati u proporzjonali għall-miri riveduti, u bħala tali r-raġonevolezza u l-plawżibbiltà ta' dawn il-kostijiet stmati ma nbidlux meta mqabbla mal-RRP oriġinali. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (12) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati mid-Danimarka ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 10154/21 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għalid-Danimarka rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (f), (g), (h), (j) u (k).

Valutazzjoni pożittiva

- (13) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (14) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tad-Danimarka huma ta' EUR 1 781 489 765. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għad-Danimarka, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat tad-Danimarka jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 1 625 890 885. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għad-Danimarka tibqa' l-istess.
- (15) Għalhekk id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

- (16) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm tal-Unjoni ħlief għall-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma tirkibx fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza emendat għad-Danimarka fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għad-Danimarka hija emendata kif ġej:

L-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President